MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 150/2004

**Joseph Cutajar u martu Mary Cutajar**

**Vs**

**Emanuel Farrugia**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi l-atturi huma sidien tal-porzjon art maghrufa bhala “Ta’ Ghadjma”, fil-limiti tal-Imqabba, tal-kejl superficjali ta’ elf u erbgha u ghoxrin (1024) qasab kwadru ekwivalenti gha erbat elef, erba mija u sitta u disghin punt decimali tmienja u tletin metri kwadri (4496.38 m.k.) u dan

in forza ta’ kuntratt in atti Nuar Dottor Mario Bugeja tas-27 ta’ Jannar, 1998 (Dok. A) liema art illum hija barriera;

Peress illi l-konvenut ghandu barriera li tinsab kontigwa;

Peress illi bi skrittura privata tat-13 ta’ Dicembru, 2001 l-attur ikkonceda lill-konvenut ghal perjodu ta’ sentejn id-dritt ta’ passagg bil-vettura u bir-rigel minn fuq l-art fuq imsemmija (Dok. B) u dan versu kumpens ta’ zewg liri (Lm2) kuljum pagabbli kull sena bil-quddiem, l-ewwel pagament gie effettwat kontestwalment mal-iskrittura *de quo*;

Peress illi wara li skada t-terminu ta’ sentejn il-konvenut qed jirrifjuta li jieqaf juza l-passagg imsemmi ghax qed isostni li ghandu dritt jghaddi indipendentement mill-iskrittura *de quo* u qed jirrifjuta li jhallas il-kumpens pattwit ghat-tieni sena;

Peress illi l-pretenzjoni tal-konvenut hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt;

Peress illi l-konvenut qed jghaddi minn fuq l-art *de quo* proprjeta’ tal-atturi minghajr titolu validu fil-ligi u kontra r-rieda ta’ l-atturi;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi b’effett mit-12 ta’ Dicembru, 2003 il-konvenut m’ghandhux aktar dritt jghaddi minn fuq il-porzjon art proprjeta’ tal-atturi fuq imsemmija u dan peress illi l-effetti tal-iskrittura *de quo* datata 13 ta’ Dicembru, 2001 spiccaw fit-12 ta’ Dicembru, 2003;

2. Tinibixxi permanentement lill-konvenut milli jghaddi jew jippermetti u/jew jinkariga lill-terzi jghaddu fl-interess tieghu bi kwalunkwe mezz minn fuq l-art *de quo* tal-atturi;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex jikkostruwixxu mezz ta’ lqugh sabiez izommu lill-konvenut milli jghaddi aktar minn fuq l-art proprjeta’ taghhom;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tletin lira Maltin (Lm730.00) rapprezentanti l-hlas ta' kumpens pattwit ghall-perijodu mit-13 ta' Dicembru, 2002 sat-12 ta' Dicembru, 2003;

5. Tillikwida l-ammont dovut bhala kumpens ghall-uzu mhux awtorizzat tal-art *de quo* da parti tal-konvenut mill-14 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-effettiv rilaxx;

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-13 ta' Jannar, 2003 u bl-imghax legali in kwantu fuq is-somma ta' Lm738.00 b'effett mit-13 ta' Dicembru, 2002 u dwar il-kumpens da likwidarsi mid-data tal-prezentata tal-prezenti citazzjoni kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jirraprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-affidavit tieghu;

Semghet l-avukat tal-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet kif dedotti, tilqa l-hames talba u tiffissa s-somma ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm154) bhala kumpens bir-rata ta' Lm2 kuljum mit-13 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni u tilqa' wkoll is-sitt talba, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------